# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur
## Dr. Kevin Mompalao

**Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Novembru 2016**

**Talba numru 22/2016**

**Vella Brothers Co. Limited**

**Vs**

**J.A. Borg & Sons Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' elf, erba mija u disgha u tmenin Ewro u disghin centezmu (€ 1489.90) rapprezentanti arretrati ta' fond illi qabel kien jingabar mill-GRTU, dovuta lis-socjeta attrici u li giet imhallsa lura mill-korporazzjoni Enemalta lis-socjeta konvenuta jew lil Maurice Borg u dan dwar xiri li ghamlet is-socjeta attrici minn ghand is-socjeta konvenuta ta' tlett mija u sbatax il-elf litru fuel matul is-sena elfejn u ghaxra (2010). Dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni.

Ra' r-risposta tal-kumpanija konvenuta li permezz taghha giet eccepita l-preskrizzjoni skond l-artikoli 2148 (b) u 2156 (f) tal-Kap 16. Gie eccepit ukoll illi l-kumpanija konvenuta qatt ma thallset xejn minn l-enemalta u ghalhekk ma hemm xejn dovut.

Ra' l-atti kollha tal-kawza nkluzi d-dokumenti prezentati.

Sema' x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digriet tieghu tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn dan it-Tribunal ma jistax ma jikkummentax ghal mod ingarbuljat kif inhu redatt l-avviz tat-talba, fejn wiehed irid jaghmel sforz biex forsi jibda jifhem x'qed jintalab; u li kieku ma kienux ghal provi fil-kawza, ma kien jasal qatt illi jifhem x'inhu

jintalab. Filwaqt li jiddeplora dan in-nuqqas josserva illi l-Avukati ghandhom ikunu aktar zeluzi u professjonali meta jigu biex jirredigu l-avviz tat-talba li ghandu jifthiema mal-gudikatur u mal-konvenut.

Illi f'din il-kawza qed jinghataw principalment zewgt eccezzjonijiet wahda tal-preskrizzjoni fit-termini taz-zewgt artikoli citati u l-ohra ta' l-inezistenza assoluta tal-kreditu.

Illi huwa principju stabbilit kemm dottrinalment kif ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi dawn iz-zewgt eccezzjonijiet ma jmorrux flimkien. Gie fil-fatt ritenut illi dawn iz-zewgt eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma xulxin – ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet Guido J Vella A & Ce vs Dr. Emanuel Cefai ( Appell Superjuri – 05/10/2001) u; Raymond Vella vs Moby Rentals Limited (Appell Inferjuri 22/11/2001). L-eccezzjoni tal-inesistenza tal-kreditu tinnewtralizza dik tal-preskrizzjoni, ghaliex jew il-kreditu kien jezisti izda huwa perent, jew altrimenti ma ezista qatt u ma jista jkun perent qatt. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta u qed tigi michuda.

Illi min naha l-ohra minn l-assjiem tal-provi jidher illi l-kumpanija konvenuta ghandha ragun fit-tieni eccezzjoni. Hi qatt ma gabret xi flus mill-Korporazzjoni Enemalta jew mill-General Retailers and Traders Union li kienet obbligata tghaddihom lil kumpanija attrici. Il-kumpanija attrici merament issuponiet illi l-kumpanija konvenuta setghet gabret dawn il-flus u prova ta' dan ma gabet qatt. Qatt ma ngabet xi prova li l-kumpanija konvenuta irceviet xi flus minn ghand xi terz li kienet obbligata tghaddihom lil attrici. Ghal kuntrarju l-provi quddiem dan it-Tirbunal juru xorta ohra. Ix-xhieda ta' Carlo Cini tispjega tajjeb is-sitwazzjoni u tikkorrobora dan.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi ghar-ragunijiet premessi jilqa it-tieni eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta u jichad it-talbiet attrci. In vista tac-cahda ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-ispejjes jithallsu kwantu ghal tlett kwarti mill-kumpanija attrici u kwart mill-kumpanija konvenuta.

Kevin Mompalao
Gudikatur

Daniel Sacco
Deputat Registratur